# "... L-ĦOLM DUĦĦAN ITIR"

**minn ĠUŻÈ DIACONO**

Meta kien għadu żagħżugħ ta' dsatax, Rosar Briffa kiteb l-ewwel lirika tiegħu, **Tfajla Toħlomx,** indirizzata, kif tgħid martu Louisette, lil oħtu Marija —

Tfajla toħlomx, għaliex il-ħolm tal-Ħajja
bil-wisq iqarraq u malajr jintemm;
jurik li kollox għad ikunlek hieni,
bla ma jħabbarlek kemm hu kbir il-hemm...

Raġel magħmul u mġarrab, wara li ħabbat wiċċu mal-ħajja bħala raġel miżżewweġ, bħala missier, bħala tabib, wara li kellu żmien itiegħem tajjeb u jistqarr dak li tagħti l-ħajja, ħażżeż fuq biċċa karta ħsieb, riflessjoni li leħħitlu minn quddiem moħħu, u li ħalla hekk kif kitibha dak il-waqt, bla isem, u forsi bla mitmuma —

Minn kulma ħlomt f'żgħożiti —
Infittex — kollox baħħ.
Il-qalb xiħa w għajjiena
Ma tafx tgħid ħlief "aħħ".
Li ħlomt kien kollu ħolma,
Li għext kien ħajja biss,
Ah, kieku t-tnejn ingħaqdu,
Il-qamar kont immiss,
Issa qasira l-ħajja
U l-ħolm duħħan itir

Hekk ħażżiżha u telaqha, kif ġibtha hawn jien — bla isem u bla punteġġjatura fl-aħħar, aktarx mhux mitmuma. Imqar l-arranġament tar-rima juri bħallikieku k en fadal żewġ versi oħra b'rima ma' "itir". Hemm min taha l-isem ta' **Ħolm,** hemm min jagħtiha bħala titolu l-ewwel vers tagħha; hemm min għalaq b'punt, hemm min temmha b'puntini. Puntini, kieku, aktar xierqa minn punt, jekk mhux għal ħaġ'oħra, għax l-impressjoni li dawn il-versi jħallu, hija li għall-bniedem, għallanqas f'din id-dinja, ma hemmx konklużjoni.

Ix-xenqa kbira li dejjem kellu Rosar Briffa li l-ħolma sseħħ, li l-ideal jirnexxi, ma seħħitlu qatt. Mhux għalih it-twissija ta' Ġorġ Zammit, "il-ħolma ħalliha ħolma". Rosar Briffa ma riedx jaħrab u jgħix fil-ħolm, ried igħix fir-realtà tal-ħajja, imqar jekk ħaqritu u fl-aħħar mill-aħħar beża' minnha. Madankollu, il-biża' huwa ħaġa,

u l-"escapiżmu" huwa oħra. U Briffa qatt ma kien "escapist", b'inkejja ta' dak li qal huwa nnifsu. Briffa ħadha mal-ħajja, ħabat se jaħrab, iżda reġa' lura; imma safa' bla ħila, bħalma nisfgħu kull wieħed minna, il-ħajja rebħitlu u xejnitu. Imqar jekk Louisette Bajona tatu ħajja ġdida — kif qaltli bintu Cecilia, "she rescued him mentally and physically, and gave him a new optimistic outlook on life" — dan, jaħasra, kien episodju qasir ta' ftit aktar minn tmien snin. Il-ħolm u l-ħajja ħabtu jingħaqdu, imma dlonk waslet l-emorreġija vulgari, il-kruha, il-qilla, il-qirda tal-kanċer — ir-rabta tqaċċtet, il-ħolm baqa' ħolm, il-ħajja baqgħet ħajja biss. Xewqet Briffa ma seħħetx, il-ħajja tibqa' għaddejja bla skop, il-ħolm mhux għajr duħħan għaddej għaddej, itir mar-riħ...

Jien hekk inħalliha, din il-ġawhra lirika li għandi tant għal qalbi, u li ngħożż fil-manuskritt tagħha fi gwarniċ ma' manuskritti oħra ta' ħabibi Rosar, kif kitibha u kif telaqha hu, espressjoni ta' l-ideal tiegħu qatt mitmum.

Rosar Briffa temm il-lirika tiegħu kif bdieha — mifluġ mid-delużjoni tal-ħajja, jibki l-ideal li ma seħħx. Il-pessimiżmu li leħħen fl-ewwel liriki tiegħu ma kienx xi pessimiżmu romantiku li dlonk issib fil-lirika bikrija ta' poeta żagħżugħ. Meta Briffa kiteb **Tfajla, Toħlom** kellu dsatax; kemm kellu sew meta kiteb il-versi bla isem u bla data li kkwotajt jien, ma nafux, imma jidher li kien imdaħħal fiż-żmien.

Martu Louisette qaltli li dawn il-versi taħseb li kitibhom qabel iltaqa' magħha. Ikolli ngħid li kitibhom wara, biex inkun preċiż kemm jista' jkun, ngħid li naħseb li kitibhom wara li sar jaf bil-marda fatali tiegħu. Kieku kitibhom qabel l-1960 aktarx li kienu jidhru fil-volum **Poeżiji.** Dak li jidher żgur huwa li xejn ma jidher probabbli li kitibhom bejn is-sena 1952 u s-sena 1960, is-snin hienja tat-tieni żwieġ tiegħu. Il-poeżija ta' dan il-perijodu hija kollha ferrieħa, l-espressjoni ta' raġel li sab fil-ħajja dak kollu li xtaq; kollox — kelma, espressjoni, ton, metru — juri li għal Briffa f'dawn il-ftit snin, ħolm u ħajja kienu ngħaqdu. Jekk inħallu barra s-snin ferrieħa, tibqgħalna l-mistoqsija jekk Briffa kitebx dawn il-versi qabel is-sena 1952, jew wara Lulju ta' l-1960. Għalija, hemm żewġ versi f'din il-lirika li jgħiduli li kitibha lejn tmiem ħajtu. Tassew li l-preokkupazzjoni bix-xjuħija qabel iż-żmien niltaqgħu magħha kmien fil-lirika ta' Rosar Briffa, imma hawn għandna xi ħaġa wisq aktar enfatika —

"Il-qalb xiħa u għajjiena", u
"Issa qasira l-ħajja".

F'dawn iż-żewġ liriki nsibu nota dominanti fil-poeżija ta' Briffa: il-ħolm tal-ħajja jqarraq bina —

... kemm hi ferrieħa din il-ħolma tagħna
li turi kollox mogħni ward u żahar,
waqt illi x-xewqa minn tad-dqiq u l-biki
taħbi li tniggeż malli nsiru kbar;

Fi **Tfajla, Toħlomx,** hemm leit motif ieħor tal-lirika ta' Briffa — temmen u tafda, imma ssib ruħek milgħub, u qalbek tiċħad lil kulħadd —

u jekk qatt, tfajla għad jiġrilek bħali,
li emmint kollox u ma bgħadt lil ħadd,
imbagħ'd lagħbuni u kollox sfali ħsara,
tant illi qalbi ċaħdet lil kulħadd,...

Fuqhom u madwar dawn iż-żewġ motivi, Rosar Briffa jinseġ il-poeżija tiegħu — u magħhom inżid tnejn oħra: il-preokkupazzjoni bix-xjuħija qabel il-waqt u l-imħabba għal għajru. Dawn huma erba' motivi li nsibuhom mtennijin darba wara l-oħra b'varjazzjonijiet ta' ħsieb, espressjoni u ritmu, u li bejniethom jagħtuna t-tema melankonika tal-poeżija ta' Rosar Briffa: tħobb il-ħajja u tidħak bik, tħobb lil għajrek u jilagħbek. Melankonika minkejja n-nota ferrieħa tas-snin ma' Louisette, għax, saħansitra dawn is-snin ta' hena kellhom moħbi fihom il-hemm. Ironikament, kien qiegħed iseħħ lil Rosar, bla ma ntebaħ, dak li basar sa minn żgħożitu — il-ħolma tal-ħajja —

jurik li kollox għad ikunlek hieni,
bla ma jħabbarlek kemm hu kbir il-hemm, ...

Jaħasra, dawk it-tmien snin ta' hena, lejn tarf għomru, ma kinux għajr anti-climax fit-traġedja ta' ħajtu!

Aqra l-lirika ta' Rosar Briffa, ibda mill-bidu, imxi magħha, lirika wara l-oħra kif issibhom kronoloġikament f'**Poeżiji,** u f'dak li xxandar wara mewtu, u tistħajlek tara u tisma' t-traġedja ta' ħajtu, miexi minn konflitt għal ieħor, b'ritmu varjat, b'tensjoni li terħi u tiħrax, tiħrax u terħi, imma mkaxkar dejjem lejn il-climax riesaq. Il-ħajja nisġitlu dramm perfett, u b'id ta' mgħallma waqqfet il-pass drammatiku, ħolqot interludju hieni, xi drabi għal ftit mhux umoristiku. Għandna l-anti-climax ta' raġel li, wara espressjoni

konsistentement u insistentement drammatika tul snin twal ta' ħajtu, f'daqqa waħda jibdel it-ton, isir ferrieħi, daħkani; iż-żagħżugħ li xjieħ qabel il-waqt jinbidel f'raġel li sar tifel mill-ġdid, jitlaqlek b'mixja qabbieża għal għonq it-triq u jgħanni —

Għad nerġa' għat-triq it-twila
Li ma twassal għal imkien;...
Għad nerġa' nħoss fuq fommi
Il-bews ħelu tal-irjieħ;...
'Ma nibqa' dejjem sejjer
Fit-triq twila tal-imkien,...'

Fir-ritmu ta' din il-lirika, tħoss, saħansitra, kif Rosar Briffa sar fis-subkonxju tiegħu tifel mill-ġdid, ħieles minn kull sens jew piż ta' responsabbiltà, li joħroġ jitliegħeb bla kont ta' l-imgħoddi u bla ħsieb talli ġej. U sadattant l-udjenza tistrieħ mit-tensjoni, u tithejja għall-kriżi li sejra tfaqqa' bla maħsub, u teħodna b'ġirja tal-ġenn minn karba għal oħra, ilment għal ieħor, espressjonijiet bla mirquma, bla mitmuma, minn għajta mbeżżgħa għal ilfiqa ta' raġel mirbuħ, sa x-xenqa kbira u ħalliema ta' **Il-Ballatella tal-Fontana,** u — il-mewt.

Fl-10 ta' Lulju ta' l-1961 infetaħ l-aħħar att, bl-emorreġija u l-konferma li Rosar Briffa kellu kanċer fi grieżmu. Sebat ijem wara, kiteb f'**Il-Każin Malti,** dwar ix-xjuħ li

Iħarsu lejn iż-żgħażagħ
bil-għaġla għaddejjin.
Ix-xjuħ li
fi żmienhom mexxew Malta
imma issa minsijin!

Madwar sena wara, jidher li qalbu kienet inħallet minn din il-ħajja. B'ton mużikali, mill-ġdid b'ritmu qabbieżi, jiftaħ f'**Esperiment fil-Poeżija Moderna** bl-istedina biex

Immorru lejn Bufies
Minn fejn ma jiġux nies.

Dawk li weqfin fl-"ISSA biss" ilkoll mejtin, imma f'Bufies ngħixu għax nittamaw sħiħ fil-ġejjieni. Imma jista' jkun li, sewsew ġimagħtejn wara, huwa lilu nnfsu li jara fi "Klement vjolinist", l-"ex-Maestro Clemente de Monte Real",

Illum...
Klement vjolinista

Fit-triq tal-baħrin,
Klement pupletku
Iħanxar vjolin.

Kif qaltli bintu, meta ħakmu l-kanċer, kien — biex intenni kliemha — "downhearted, tilef l-enerġija". Minn issa sakemm miet, qisu sentejn u nofs wara, ma kitibx għajr seba' poeżiji, għallanqas jekk ma nqisux li, kif huwa probabbli, seta' ħalla xi manuskritti bla data, bħal, ngħidu aħna, **Ecce Homo.** Din il-lirika ma fihiex data, imma hemm fiha kliem li jgħaqqadha mal-marda kiefra ta' l-awtur: "Imqarras wiċċu/Bl-herra ta' l-uġigħ", u f'għajnejh għandu "Iż-żlieġa tweġġa' ta' min jaf l-irid imut ħalli jistrieħ".

Fl-1 ta' Novembru 1962, lejlet jum il-mejtin kollha, jum evokattiv, kiteb fuq borża tal-pasti, fil-Barrakka ta' Fuq, **Il-Ballatella tal-Fontana.** Minn fomm il-fontana misterjuża, filgħaxija, jidwi leħen il-qniepen. Leħen it-tempju ilu żmien sieket, imma issa —

... minn ġol-Fontana
Mill-ġdid il-Liturġija.

Il-qniepen qegħdin iħabbru jum il-mejtin kollha, li jasal l-għada. Mat-tifkira tal-mejtin u l-mewt, dlonk jiġu fil-moħħ l-assoċjazzjonijiet ma' staħjil u immaġinazzjonijiet misterjużi — ċimiterji, sħarijiet tal-qamar, żfinf l-alkovi mudlama. Min jaf x'kellu f'rasu Rosar Briffa meta kiteb din l-aħħar stanza?! Tgħid kien iħewden fuq il-misteru tal-mewt riesqa? Din l-istanza lili tfakkarni u ttennili s-seħer tad-**Danse Macabre** ta' Saint-Saëns, bl-għadam iċekċek, bit-twerżiqa skordanti tal-vjolin fit-tmiem. Jew ma nagħmlux mod li għandna hawn ri-evokazzjoni ta' **Mirja, Mirja, Mirja?**(1)

Li kien possibbli nistaqsuh x'ried igħid sew meta kiteb din il-lirika, aktarx li kien iwieġeb: "Min jaf!", bħalma wieġeb meta Ġużè Aquilina staqsieh f'intervista min kienu x-xjuħ ta' **Mirja, Mirja, Mirja.** Madankollu, għalija l-qniepen ifakkru f'dawk li waslu fil-Preżenza Divina, wara żmien ta' skiet jinstema' mill-ġdid leħen il-fidi, u ma' dawn it-tnehida tal-bniedem ħaj fil-mewt, imċaħħad

---

(1) Din il-poeżija hija magħrufa wkoll bl-isem ta' **Għajjiena le Xebgħana.** Imma huwa bit-titlu ta' **Mirja, Mirja, Mirja** li Rosar Briffa nnifsu rriferixxa għaliha fl-intervista li saritlu fid-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università l-Qadima ftit qabel miet mill-Prof. Ġużè Aquilina. Hemm recording fuq tape ta' din l-intervista.

mill-ħlewwiet tal-ħajja — ilħna li jfeġġu kollha mill-

Fontana misterjuża
Ta' ħolm u ta' xewqat —

minn din il-ħaja misterjuża li tħallmek bl-ideal u tħallik tixtiequ Dan ir-ritornell mhux għajr għajta patetika lill-Ħajja biex tagħti dak li twiegħed. Imma l-ħolma tibqa' xewqa — ħelwa għax imġarrba u mixtieqa, xħiħa għax ma sseħħ qatt.

L-aħħar għajta ta' Rosar Briffa, mgħattan mill-ħajja, imxennaq għalxejn biex jara l-ħolma sseħħ, nistħajjilha l-aħħar għajta ta' Oswald lil ommu fi tmiem id-dramm ta' Ibsen, **Fatati,** hekk kif dehnu qed jitilqu: "Ix-xemx — ix-xemx..."

F'lejlet jum il-mejtin ta' l-1962, Rosar Briffa semma l-aħħar ilment tiegħu. Għaliex dan l-uġigħ? Għaliex dan iċ-ċħid? X'ikun dan il-misteru? Imma l-Liturġja ġdida tidwi fil-moħħ tal-poeta li qal lil Ġużè Aquilina: "Jien introvert, imma nisrani u nemmen fil-ħajja li ġejja."

Imbagħad is-skiet.